MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 119/2002

Citazzjoni numru 119/2002

John Rapa

-vs-

Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur fejn ippremetta illi huwa jismu John Rapa u twieled fit-tmintax (18) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tletin (1935) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, Victoria, Ghawdex, permezz ta’ l-att numru seba’ mija u tnax (712) tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tletin (1935) (Dok A);

U illi dan l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta’ l-attur huwa skorrett stante li fil-kolonni intestati “Ismijiet moghtijin” u

“Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” dan l-isem gie indikat “Giovanni” minflok “John”.

U illi sa minn twelidu l-attur dejjem kien maghruf bl-isem ta’ John.

U illi din id-diskrepanza fl-isem qed tikkawzalu diffikultajiet civilment, specjlament fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika fejn jghix.

U illi l-attur nomine jrid li dan l-att ikun ikkoregut, b’mod illi l-kolonni intestati “Ismijiet moghtijin” u “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghadnha tigi msejha” dan l-isem jigi indikat bhala “John” u mhux “Giovanni”.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara l-att tat-twelid numru numru seba’ mija u tnax (712) tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tletin (1935) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni ta’ l-Att tat-twelid numru seba’ mija u tnax (712) tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tletin (1935) relattiv ghat-twelid ta’ l-attur billi fil-kolonni intestati “Ismijiet moghtijin” u “isem jew ismijeit li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” dan l-isem jigi indikat bhala “John” u mhux “Giovanni”.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi huwa ma hux edott mill-fatt tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

2. Illi jidher car illi r-registrazzjoni ta' l-isem l-attur bhala "Giovanni" mhux rizultat ta' zball, ghaliex il-genituri tieghu riedu li ismu jigi registrat bit-Taljan u mbux bl-Ingliz;

3. Illi f'kull kaz id-direttur m'ghandux ibati spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikajrazzjoni tal-fatti guramentata u l-lista tax-xhieda.

Semghet bil-gurament lill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba ta' l-attur hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru seba' mija u tnax (712) tas-sena elf disa' mija u hamsa u tletin (1935) relattiv ghat-twelid ta' l-attur billi fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtijin" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" dan l-isem jigi indikat bhala "John" u mhux "Giovanni"

In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------